MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 1223/2012

**Korporazzjoni Enemalta u Automated Revenue Management Services Limited**

**Vs**

**Crown Hotels Limited; u Sovereign Hotels Limited u Ronald Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fis-7 ta’ Dicembru 2013 li permezz tieghu r-rikorrenti qeghda titlob li jerga jsir ezegwibbli (Artikolu 258(c) tal-Kap. 12) kuntratt pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ debitu tat-30 ta’ Ottubru 2007 pubblikat fl-atti tan-nutar Dr Mario Burlo, u li permezz tieghu l-intimati

solidalment obbligaw ruhhom li jhallsu s-somma ta’ hames mija u sittax-il elf tmien mija u tlieta u disghajn ewro u disgha u hamsin centezmu (€516,893.59), bl-imghax ta’ sitt fil-mija. Mill-kuntratt jirrizulta li Crown Hotels Limited hi d-debitur filwaqt li Ronald Azzopardi u Sovereign Hotels Limited huma l-garanti solidali.

Jidher li Crown Hotels Limited ma hallset xejn. Skond l-iskeda tal-pagamenti annessa mal-att jirrizulta li l-kreditu kellu jithallas sal-15 ta’ Ottubru 2012 (fol. 12 – 13). Pagamenti li kellhom isiru in kwantu ghal €34,940.60 sal-15 ta’ Novembru 2007 u l-bilanc permezz ta’ pagamenti mensili ta’ €9,317.49.

Fis-seduta tal-lum il-qorti semghet lil John Saliba jikkonferma bil-gurament li ghad hemm is-somma ta’ hames mija u sittin elf tlett mija u tnejn u erbghin ewro u dsatax-il centezmu (€560,342.19), f’liema ammont hemm inkluz is-somma ta’ tlieta u erbghin elf erbgha mija u tmienja u erbghin ewro u sittin centezmu (€43,448.60).

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-intimati kienu notifikati, ma ressqu l-ebda twegiba u hadd ma deher ghalihom.

Hi sodisfatta li t-talba tar-rikorrenti Koroporazzjoni Enemalta hi gustifikata gialadarba ghadda t-terminu stabbilit fl-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12.

**Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba kif dedotta. Spejjez a karigu tal-intimati solidalment**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------